MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru. 321/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**-vs-**

**Neville Cassar**

Kumpilazzjoni numru 321/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Neville Cassar ta' 29 sena iben Anthony u Josephine nee Farugia imwieled Pieta fis-6 ta' Jannar 1979 u li joqghod 56 Flat 1 St Patrick Street Valletta detentur ta' karta ta' identita 47779M.

Talli fil-5 ta’ Marzu 2008 ghal habta ta’ 12.30hrs minn gewwa Sterling Jewellery li jinsab gewwa l-bini tal-lukanda Fortina fi Triq ix-Xatt ta’ Tigne Tigne seraq zewg crieket tad-dehed li l-valur taghhom jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37)u cioe li jammonta ghal elfejn sitt mija u hamsa u sittin Euro (€2665) u dan a dannu tas-sidien ta’l-imsemmi fond liema serq huwa kwalifikat bil-valur u dan ai termini ta’ l-artikoli 261, 267, u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti giet mitluba titratta ma’ l-imputat bhala li huwa recidiv b’sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u aktar talli kiser il-provedimenti ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentenza sospieza ghal erbgha snin mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fid-29 ta’ Novembru 2004.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li f’l-udjenza mizmuma illum 22 ta’ Settembru 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz il-fedina penali ta’l-imputat.

Semghat lil Connie Fenech in rapprezentanza ta’l-agenzija Sedqa taghti informazzjoni dwar l-andament ta’l-imputat fil-programm ta’ riabilitazzjoni li qed isegwi.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(c), u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti tosserva li l-imputat ikkommetta r-reati odjerni waqt perjodu operativ ta' sentenza ta' prigunerija sospieza u li l-fedina penali tieghu ma tantx hi wahda felici.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni fatturi ohra. L-imputat ikkopera mal-pulizija f'kull stadju ta' l-investigazzjonijiet u indika d-disponibilta li jirrifondi l-valur ta'l-oggetti misruqa. In oltre jirrizulta li l-imputat ghandu problema serja b'l-abbuz tad-droga u kienet propju din il-problema li wasslitu biex jikkommetti r-reati odjerni. Pero jirrizulta li l-imputat beda programm ta' riabilitazzjoni u dan diga qed ihalli effetti pozittivi.

Illi tenut kont ta' dan u tal-fatt li jkun ta' beneficcju ghal kulhadd li l-imputat jkompli fi triq tar-riabilitazzjoni, l-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar opportun f'dan il-kaz li (f'l-impossibilta li tinghata sentenza ohra ta' prigunerija sospieza) l-imputat jitpogga taht ordni ta' *probation* taht numru ta' kundizzjonijiet inkluz li jkompli sa tmiemu l-programm li diga beda, li ma jiehux sostanzi illecieti u li jirrifondi l-valur ta'l-oggetti misruqa.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(c), u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett snin taht il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni ta' *probation* mghoti kontestwalment inkluz li jkompli sa tmienu l-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li diga beda u li jissottometti ghal testijiet frekwenti biex jigi stabbilit li fil-fatt huwa mhux qed jiehu sostanzi illeciti kif ukoll li jirrifondi lid-derubat Sterling Jewellers is-somma ta' elf mitejn disgha u tletin (€1239) fi zmien sena.

In oltre, l-Qorti, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed testendi l-perjodu operativ tas-sentenza mghotija fil-konfront ta’l-imputat fid-29 ta’ Novembru 2004 ghall-perjodu ta’ erbgha (4) snin mil-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ tlett snin u jekk ma jsegwiex l-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------